MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 366/2005

**Dr. Louis Buhagiar M.D. FRCP.**

**vs.**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li gew mahtura kuraturi deputati b'digriet tal-1 ta' Mejju 2005 sabiex jirrapprezentaw lis-socjetajiet kummercjali esteri Fortis Services [U.K.] Limited u Fortis Insurance Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' April 2005 a fol.1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa konsulent mediku illi jrendi s-servizzi medici tieghu f'diversi *'clinics'* u sptarijiet madwar Malta;

Illi l-attur jaghti s-servizz tieghu anke lil persuni ta' nazzjonalita` estera illi f'dak iz-zmien partikolari jkunu qeghdin hawn Malta u jkollhom bzonn xi ghajnuna medika;

Illi hemm procedura stabbilita ossia prassi li jigi ivverifikat waqt li l-attur ikun qieghed irendi s-servizzi medici tieghu, jekk persuna partikolari tkunx koperta b'polza t'assikurazzjoni adegwata u dan halli jigi accertat illi l-attur jithallas ta' tali servizz mediku minnu res;

Illi, hekk kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, s-socjetajiet konvenuti intervjenew fl-istanzi gja` indikati halli jaccertaw u jikkonfermaw lill-attur li dik il-persuna li qed tkun tiehu dan is-servizz mediku hija fil-fatt koperta b'polza assikurattiva adegwata, kif ukoll jitolbu lill-attur sabiex jibghatilhom il-fatturi relattivi halli jigu affettwati minnhom il-hlas relattiv tant illi f'istanzi ohra huma affettwaw il-hlas relattiv lill-attur.

Illi l-attur qed isofri danni konsistenti fi flus dovuti lilu minn dawn il-klijenti u dan minhabba l-agir tas-socjetajiet konvenuti hawn fuq spjegat.

Illi ghalhekk is-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghad-danni fil-konfront ta' l-attur.

Illi *nonostante* illi l-attur debitament interpella lil dawn is-socjetajiet konvenuti sabiex jaffettwaw tali hlasijiet dawn baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni li hija thoss li hija xierqa u opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni versu l-attur ghall-hlasijiet dovuti lilu ghas-servizzi medici resi minnu.

2. Tillikwida s-somma dovuta lill-attur bhala danni.

3. Tordna lis-socjetajiet konvenuti jew min minnhom jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata *ai fini* tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u rapprezentanti, diretturi u impjegati tas-socjetajiet konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-kuratur Dr. Richard Sladden datata 22 ta' Awissu 2005 li biha pprezenta tliet dokumenti li huma markati Dok. "RS2" sa Dok. "RS4".

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh fis-6 ta' Mejju 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Richard Sladden *et nomine* bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjetajiet kummercjali esteri Fortis Services (U.K.) Limited u Fortis Insurance Limited, datata 24 ta' Mejju 2005 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mas-socjetajiet konvenuti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda, b'dokument anness, ta' Dr. Richard Sladden *et nomine* a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel

Cuschieri tal-5 ta’ Ottubru 2005 u tat-23 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ l-attur Dr. Louis Buhagiar datata 3 ta’ Marzu 2006 (fol. 34) li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kuraturi deputati Dr. Richaed Sladden u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nominati sabiex jirrapprezentaw is-socjetajiet esteri Fortis Services (U.K.) Limited u Fortis Insurance Limited fejn eccepew:-

1. Illi preliminarjament il-hatra tal-kuraturi deputati hija nulla *stante* li ma gietx segwita l-procedura stabbilita mir-**Regolament Ewropew Numru 1348/2000** u partikolarment li s-socjetajiet esteri ma gewx notifikati bl-atti tal-kawza odjerna kif hekk stabbilit;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` tal-kawza odjerna *stante* li kawza fuq din il-pendenza kellha ssir fid-domicilju tas-socjetajiet konvenuti u dan *ai termini* tar-**Regolament Ewropew numru 44/2001;**

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti mhumiex il-*legittimu kuntradittur* u ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenuti socjetajiet;

4. Illi t-talba attrici hija improponibbli *stante* illi l-azzjoni maghmula hija wahda ghal danni allegatament sofferti mentri jidher illi t-talba ta’ l-attur tirrigwarda bilanc ta’ prezz ta’ servizzi rezi;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, is-somma mitluba mill-atturi huma esegerati kif se jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi bla pregudizzju, l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjoni li hemm xi danni fil-konfront ta’ l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 43 tal-process.

Rat li l-kuraturi deputati rrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni minnhom moghtija.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-6 ta’ April 2006 u tal-20 ta’ Gunju 2006 fejn fl-ahhar seduta il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni ghat-30 ta’ Novembru 2006 bil-fakolta’ lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet fit-terminu hemm indikat.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati datata 11 ta’ Settembru 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur datata 27 ta’ Settembru 2006.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din is-sentenza hija limitata ghat-tieni eccezzjoni fejn il-kuraturi deputati qed jecceppixxu n-nullita` tal-kawza odjerna *stante* li kawza fuq din il-pendenza kellha ssir fid-domicilju tas-socjetajiet konvenuti u dan *ai termini* tar-**Regolament Ewropew numru 44/2001;**

Illi dan ir-regolament huwa llum pertinenti anke bis-sahha ta’ dak li hemm provdut fl-**artikolu 742 (6) tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*"Meta disposizzjoni ssir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament ta' l-Unjoni Ewropea fejn tintghamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu taht dik id-disposizzjoni l-ohra u ghandhom biss japplikaw ghall affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-ohra ma tapplikax".*

Illi fil-fatt **ir-Regolament Ewropew numru 44/2001** japplika rigwardanti gurisdizzjoni ghal dak li huma *"civil and commercial matters, whatever the nature of the court or tribunal"* u dan skond l-**artikolu 1 ta' l-istess Regolament.**

Illi minn ezami ta' l-istess regolamenti jirrizulta wkoll li skond l-**artikolu 2** ta' l-istess jinghad li:-

*"Subject to this Regulation, persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the courts of that Member State".*

Illi izda l-**artikolu 5 (3)** jipprovdi li *" person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued: "in matters relating to tort, delict, or quasi delict, in the courts where the harmful event occurred or may occur"* .

Illi l-kawza maghmula mill-attur kontra s-socjetajiet konvenuti hija wahda ta' danni ghaliex huwa qed jallega li ghalkemm is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom intervenew sabiex jaccertaw u jikkonfermaw ma' l-attur li l-persuni li kienu qed jiehdu servizz mediku minghandu kienu koperti b'polza assikurattiva adegwata, tant li allegatament talbu lill-attur jibghatilhom il-fatturi relattivi biex huma jhallsu, izda huma xorta baqghu ma hallsux, u b'hekk soffra danni li qed jitlob li jigu likwidati f'din il-kawza.

Illi b'hekk jirrizulta li kemm il-kura tal-pazjenti indikati mill-attur u l-allegat intervent *da parte* tas-socjetajiet konvenuti jew minn minnhom sar Malta, u ghalhekk din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda, peress li jidher li l-istess socjetajiet konvenuti jistghu jigu mharrka hawn

Malta abbazi ta' l-**artikolu 5 (3) tal-*Council Regulation* Numru 44/2001.**

Illi fl-ahharnett il-kuraturi deputati fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom irreferew ghall-**artikolu 9 (2) ta' l-istess Regolament Ewropew,** pero' din il-Qorti thoss li lanqas dan ma japplika ghall-kaz *de quo stante* li din hija kawza ta' danni u mhux ibbazata fuq kuntratt bejn il-partijiet ta' assikurazzjoni.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess din it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti qed tigi michuda *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-kuraturi deputati u socjetajiet konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex l-istess eccezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------